DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Lulju 2007

li timmodifika l-Ftehim Intern tas-17 ta' Lulju 2006 bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-finanzjament ta' l-għajnuna Komunitarja taħt il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2008-2013 skond il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u l-allokazzjoni ta' l-assistenza finanzarja għall-Pajjiżi u Territorji *Extra*-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat KE

(2007/549/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou, fit-23 ta' Ġunju 2000 [1] kif rivedut fil-Lussemburgu, fit-25 ta' Ġunju 2005 [2],

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-finanzjament ta' l-għajnuna Komunitarja taħt il-qafas finanzjarju multi-annwali għall-perjodu 2008-2013 skond il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' l-assistenza finanzarja għall-Pajjiżi u Territorji *Extra*-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat KE (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim Intern") [3], u partikolarment l-Artikoli 1(7) u l-Artikolu 8(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005 [4], partikolarment l-Artikolu 6(11) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6(11) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005, il-Bulgarija u r-Rumanija awtomatikament issieħbu mal-Ftehim Intern mid-data ta' l-Adeżjoni.

(2) Skond l-Artikolu 1(7) tal-Ftehim Intern, l-allokazzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (2a) ta' dak l-Artikolu, li attwalment huma biss ammonti stmati fil-każ tal-Bulgarija u tar-Rumanija, għandhom jiġu emendati b'deċiżjoni tal-Kunsill jekk jidħol Stat ġdid fl-UE.

(3) Skond l-Artikolu 8(4) tal-Ftehim Intern, il-piżijiet tal-voti stipulati fil-paragrafu (2) ta' dak l-Artikolu, li attwalment huma biss voti stmati fil-każ tal-Bulgarija u tar-Rumanija, għandhom jiġu emendati b'deċiżjoni tal-Kunsill jekk jidħol Stat ġdid ma' l-UE.

(4) Il-kontribuzzjonijiet u l-piżijiet għandhom jiġu konfermati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ

Artikolu 1

Il-metodu tal-kontribuzzjoni u l-kontribuzzjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp kif stipulat fl-Artikolu 1(2)a) tal-Ftehim Intern kif ukoll il-voti tagħhom fi ħdan il-Kumitat tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp kif stipulat fl-Artikolu 8(2) tal-Ftehim Intern huma b'dan konfermati.

Artikolu 2

Il-Ftehim Intern huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Fit-tabella fl-Artikolu 1(2)a, il-parentesi tondi u l-asterisk wara l-kliem "Bulgarija u Rumanija" kif ukoll in-nota ta' qiegħ il-paġna " (*) Ammont stmat" għandhom jitħassru.

(2) Fit-tabella fl-Artikolu 8(2), dan li ġej għandu jitħassar:

(a) il-parentesi tondi u l-asterisk wara l-kliem "Bulgarija u Rumanija" kif ukoll il-parentesi kwadri fit-tieni kolonna ta' dawk l-istess linji;

(b) in-nota ta' qiegħ il-paġna "(*) Ammont stmat";

(ċ) il-linja "Totali UE-25", "999";

[1] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Ftehim kif emendat l-aħħar mid-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kunsill tal-Ministri ta' l-AKP-KE (ĠU L 247, 9.9.2006, p. 22).
[2] Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 26).
[3] ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.
[4] ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203.

(d) il-parentesi tondi u l-asterisk kif ukoll il-parentesi kwadri fil-linja "Totali UE-27 (*)", "[1 004]".

(3) L-Artikolu 8(3) għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:

"Il-Kumitat ta' l-EDF għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata ta' 724 vot minn 1 004, bl-espressjoni tal-vot favur ta' mill-anqas erbatax-il Stat Membru. Il-minoranza li timpedixxi għandha tikkonsisti f'281 vot."

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Lulju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SILVA